MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 641/2002/1

**Carmelo sive Charles Bezzina.**

**vs.**

**Helen Bezzina.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fit-23 ta' Settembru 1978 gewwa B'Kara, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi, fiz-zmien li sar iz-zwieg, l-attur ma kellux is-seghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jaghti l-kunsens ghall-istess zwieg;

Illi, ulterjorment, il-kunsens tal-konvenuta nkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita' tal-attur illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi, *inoltre* l-kunsens tal-attur inghata b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi, ulterjorment il-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi, ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 tal-Att Dwar Iz-Zwieg tal-1975**;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Settembru 1978 null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minnu prezentati minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Helen Bezzina datata 30 ta' Settembru 2002, fejn ecepit:-

1. Illi, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u saret issa, wara li l-partijiet ilhom separate *de facto* mill-1981, ghaliex il-konvenuta qieghda tipprocedi legalment ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovuti lilha;

2. Illi, dwar it-tieni kawzali dedotta mill-attur m'ghandux l-interess guridiku mehtieg, billi hija l-konvenuta biss illi tista' titlob l-annullament fuq il-bazi ta' qerq ipprattikat fuqha;

3. Illi, ulterjorment, ma giex indikat fl-att tac-citazzjoni x'inhi l-allegata kwalita' tal-attur illi setghet mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewwga;

4. Illi, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2002, fejn inghata digriet ghall-prezentata tal-affidavit tal-attur, b'terminu ta' 40 jum.

Rat in-nota tal-attur datata 3 ta' Frar 2003 a fol.18, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta' Frar 2003 a fol.30, li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Paul Bezzina.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia, minn fol 34 sa fol 102 tal-process.

Rat in-nota tal- Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia, datata 25 ta' Frar 2003, a fol 103.

Rat il-kontro-ezami ta' Paul Bezzina datat 4 ta' Marzu 2003, minn fol. 104 sa fol. 105.

Rat il-verbal datat 4 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Ramona Frendo ghall-attur infurmat lil Qorti li l-provi tal-attur jinsabu maghluqa w inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' 50 jum.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta’ Marzu 2003, a fol. 108, li permezz taghha esibit l-affidavit ta’ ohtha, Maria Bugeja.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l- Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia, minn fol. 110 sa fol. 113.

Rat in-nota tal- Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia a fol. 114, li permezz taghha nforma lil Qorti li d-difensuri tal-partijiet ma ghandhomx provi zjed.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Mejju 2003, fejn Dr. Rachel Loporto Montebello ghall-attur talbet li taghmel nota ta’ osservazzjonijiet, il-Qorti laqghat it-talba w ipprefegit terminu ta’ 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjoniet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom 40 gurnata biex jirrispondu.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 20 ta’ Novembru 2003, minn fol 117 sa fol 127.

Rat in-nota responsiva ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 17 ta’ Dicembru 2003, minn fol 128 sa fol 132.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II.  KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **Charles Bezzina** li gie prezentat permezz ta’ nota datata 3 ta’ Frar 2003 a fol. 18.  Rat l-affidavit ta’ **Paul Bezzina,** li gie prezentat permezz ta’ nota tal-attur, datata 13 ta’ Frar 2003 a fol. 30 tal-process. Sar il-kontro-ezami tieghu fl-4 ta’ Marzu 2003 a fol. 109 tal-process.

Rat ix-xhieda tal-konvenuta insubizzjoni moghtija fit-12 ta' Frar 2003 a fol. 36 sa fol. 102 tal-process.

Rat l-affidavit ta' oht il-konvenuta **Maria Bugeja,** li gie prezentat permezz ta' nota tal-konvenuta, datata 4 ta' Marzu 2003 a fol. 108 tal-process. Sar il-kontro-ezami tal-istess xhud datat 4 ta' April 2003. Xehed ukoll George Fenech fid-19 ta' Mejju 2003 a fol. 112 tal-process.

Rat ix-xhieda l-ohra kollha prodotta.

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fit-tieni (2) premessa tac-citazzjoni tieghu l-attur qal *"illi l-attur ma kellux fiz-zmien li sar z-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg"*, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fit-tielet (3) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *"illi, il-kunsens tal-konvenuta nkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita' tal-attur illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga",* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fir-raba' (4) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *"illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fil-hames (5) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *"illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (h), (c), (f) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

(c) *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwarxi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

(f) *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

(d) *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

(h) *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-erba' **artikoli** separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-attur ippremetta illi l-attur stess ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempju ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c)** gie ritenut li l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-**paragrafu 19(1) (c)** gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot.**

**-** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att*

*<u>pozittiv tal-volonta tieghu</u> qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'**"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f'**"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta'

Jannar 1991) u f' **“Grech vs Grech”** (P.A. 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-‘Consortium Vitae’ tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

*“Jekk din il-‘consortium vitae’ hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita’ tal-familja.”*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. B’dan il-legislatur ma’ riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita’ shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi iz-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. *(vide* **“Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri”** P.A. 4 ta Novembru 1994)*.*

Illi l-Qorti f’dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, rriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta’ nullita’ fis-sens li :-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita’ di mente e di liberta’, dato che si tratta di assumersi una*

*"servitus" per tutta la vita"* (**Colagiovanni – Forum 1990,** Vol I pt. 1 pg.72).

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (Pompedda M.F**. "Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonskisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cioe:-

- *La piena avvertenza*
- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva."…*
*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita affettiva ………la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio).* ***(Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*. ***(Viladrich , P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated*** **"** (Monteal, (1993) pg. 686.)
Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

- *"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*
- *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*
- *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*
- *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 **coram Bajada . Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke' fil-Ligi Kanonika jinghad li *"modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able*

*affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* " (***Bruno*****,** 30 ta' Mejju 1986 ***"Monitor ecclesiasticus LXII"*** (1987) 542/543).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

## <u>iii APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti l-attur qed jallega li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kien null u bla effett skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) (f) (h) tal-Kap 255.** L-istess sinfikat legali tal-imsemmija artikoli gew fuq indikati, kif stabiliti mill-gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati. Imiss ghall-mument jigi kkonsidrat jekk tali artikoli japplikawx ghall-kaz in ezami.

Illi mix-xhieda prodotta mill-attur huwa jispjega t-tfulija tieghu u jghid li kellu problemi huwa u jittrabba peress li missieru kellu problema ta' xorb u kien aggressiv lejn ommu u huwa kien jibza' minnu; jghid ukoll li fl-iskola ta'

San Alwigi huwa kien suggett ghall *bullying.* Qal li meta spicca l-iskola huwa beda jahdem u beda wkoll jixrob u jiehu d-droga u semma' in partikolari *"man drugs".* B'effett ta' dawn id-drogi qal li kien ihossu ghajjien u anke' kellu diversi incident fuq ix-xoghol minhabba f'hekk. Fi zmien meta kien johrog mal-istess konvenuta beda' jiehu drogi ohra bhal l-LSD, l-iktar wara li kien iwassal lill-konvenuta d-dar. Qal li kien jaghmel dan kollu peress li kien imxebba' d-dar u iddecieda li jizzewweg lill-istess konvenuta proprju minhabba dan. Dwar dan qatt ma qal lill-konvenuta, anzi qal ghamel minn kollox sabiex jahbi dan minnha. Skond huwa ghall-ewwel beda' joqghod ma' ommu ghal tmien xhur, u hawn l-attagament ta' missieru tbiddel ghaliex kellu sudizzjoni mill-konvenuta li kienet allura tghix maghhom. Kellu skond huwa jaqta' x-xorb u d-droga izda sar nervuz u kellu mitt sena sabiex jidhol fil-post li kienu bnew fuq art li kienet taghtu ommu. Meta marru joqghodu ghal rashom beda jerga johrog jixrob u minhabba li kien wegga fuq il-post li kien dahal jahdem f'fabbrika u ltaqa' ma' certu Silvana u beda johrog maghha u jghid li sar ihobbha u ma kienx ihobb lill-konvenuta. Sadanitant l-konvenuta harget tqila izda huwa xorta baqa' johrog ma' Silvana u l-konvenuta saret taf b'dan u wara li ppruvaw joqghodu flimkien, l-attur ammetta li xorta baqa' jara lill-Silvana u ghalhekk l-konvenuta bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. Relazzjoni ma' bintu ma kellhux u qatt ma bena. Hawn wiehed jirreferi ghall-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu fejn isostni li huwa minhabba l-vizzji li kellu qatt ma setgha jkun bniedem responsabbli; zzewweg biss sabiex jahrab mid-dar tal-genituri tieghu u jakkwista l-liberta'. Huh Paul Bezzina jghid li l-attur kien jghidlu li ried jahrab mid-dar u minn missieru u kien ghalhekk li ghaggel u zzewweg lill-konvenuta. In kontro-ezami qal li ma jistax jiftakar jekk l-attur kienx jiehu d-droga. *"Ma nistax niftakar jew le kif qed nigi mistoqsi"*

Il-konvenuta min-naha l-ohra minkejja li ngabhet tixhed in subizzjoni u sarulha domandi serrati cahdet dan kollu u qalet li l-eghrusija taghhom kienet wahda normali u l-ewwel sentejn taz-zwieg ukoll kienu normali u l-inkwiet beda biss meta l-attur iltaqa' ma' certu Silvana; kellhom ukoll tarbija li sakemm damu flimkien kien jiehu hsiebha

wkoll, izda wara s-separazzjoni la ried jara lill-konvenuta u lanqas lit-tifla. Ir-relazzjoni ta' l-attur ma' missieru kienet normali ghall- konvenuta, u fil-fatt iddiskriviet l-familja tal-attur bhala wahda normali u maghha wkoll mxew tajjeb hafna. Tghid li kien il-favorit ta' missieru ghaliex kien ukoll jghinu fix-xoghol ta' mastrudaxxa. Qabel iz-zwieg qalet li l-attur kien ragel biezel, jaghmel xoghlu u jghin u lilha kien jittrattaha sew.  Kien nervuz fis-sens li dejjem ried jaghmel xi haga. L-inkwiet beda biss wara t-tqala u minhabba li kien beda jara lill-mara imsemmija. Kien baghat ghaliha l-kompjant Dr. Ciappara dwar il-possibilita' ta' annullament u l-attur kien dak iz-zmien qed isostni li kien omosesswali

Illi l-istess konvenuta baqghet tinsisti li fil-fatt qatt ma' rat lill-attur ghajjien u qalet b'certezza li dment li kien maghha qatt ma xorob u lanqas ha droga u qatt ma ratlu effetti ta' droga. Kien tiltaqa' mieghu kuljum u qatt ma xorob u lanqas pejjep. Kien jiehu flixkun birra u daqshekk. Missieru qatt ma kien vjolenti u ghexet mieghu sena; kien jixrob l-inbid u jmur jorqod. Dwar it-tfulija tal-attur dan qatt ma qalla xejn dwarha. Dwar l-iskola qatt ma semma' problemi u kien jilghab il-futbol maghhom

Illi jidher car li l-allegazzjonijiet kollha tal-attur huma kontradetti bl-iktar mod car mill-istess konvenuta, u din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet kollha tal-attur, anke' fejn huwa ammetta diversi vizzji, in kwantu rilevanti ghall-kaz in kwistjoni, lanqas gew biss ppruvati; anzi jidher li x-xhieda tieghu fiha hafna inkonsistenzi u hija ghal kollox inverosimili, tant li lanqas giet biss kkoroborata mix-xhieda minnhu stess prodotti, *nonostante* t-tentattiv tal-istess xhud sabiex jersaq lejn ix-xhieda tal-attur.

Illi dwar l-allegati vizzji ta' droga u xorb, wiehed jinnota li l-attrici ghamlet l-egherusija taghha mieghu tohrog kuljum mieghu u bl-iktar mod kategoriku sostniet li l-attur qatt ma kellu minn dawn il-vizzji u certament minn kif xehed l-attur ma hemm l-ebda dubju li kieku vera dak li huwa allega kienet tinduna mill-ewwel; dwar l-istat tal-familja tieghu u l-allegat abzu ta' vjolenza li kien soffra minghand missieru, dan assulutament ma jirrizultax ippruvat, lanqas mix-xhieda ta' huh stess li ddeskriva lill-missieru bhala strett

izda l-familja kienet normali; l-esperjenza tal-konvenuta stess meta ghexet fid-dar tal-ġenituri tal-attur kienet proprja l-kuntrarju u xehdet li dejjem giet trattata sew u ma kien hemm l-ebda sinjal ta’ vjolenza; dwar l-allegazzjoni li huwa ried jahrab mid-dar dan huwa wkoll kontestat; mhux biss izda certament li bniedem li ried jahrab mid-dar ma kienx jaghzel jizzewweg u joqghod fl-istess dar mal-familja tieghu kif ghamel u iddecieda l-attur; l-attur jghid ukoll li ma kienx ihobb lill-mara, izda fil-fatt il-konvenuta sostniet li dejjem rispett rat minghandu sakemm dahal is-saram, u cjoe; meta l-attur qabad relazzjoni ma’ mara ohra waqt li kien mizzewweg lill-konvenuta, u fil-fatt minhabba din ir-relazzjoni z-zwieg sfaxxa; jidher li fil-fatt dan huwa l-kawza vera u proprja tal-falliment tal-istess zwieg, izda dan jaghti biss lok ghal separazzjoni u mhux ghall vizzju ta’ kunsens *da parte* tal-attur.

Illi meta wiehed jezamina l-artikoli citati mill-attur, jidher li bla ebda dubju **l-artikolu 19 (1) (h)** lanqas japplika ghall-kaz *de quo;* jirrizulta wkoll li l-attur kellu d-disposizzjoni necessarja ghaz-zwieg mal-konvenuta u kien dak li ried u xtaq jaghmel u r-relazzjoni mal-konvenuta kienet wahda normali, b’eghrusija dicenti u b’rispett totali lejn l-konvenuta; dak li qed isostni llum certament ma kienx dak li kien jezisti fiz-zmien taz-zwieg, u minn imkien ma jidher li l-kunsens tieghu kien b’xi mod simulat, u ghalhekk abbazi ta’ dan kollu ma jirrizultax li l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (c) tal-Kap 255** japplikaw ghall-kaz in ezami, ghaliex l-attur ma rnexxilhux jipprova dak allegat minnu, anzi din il-Qorti thoss li gie ppruvat il-kuntrarju u cjoe’ li dan kien zwieg validu li falla minhabba l-adulterju tal-attur, li llum sar inkonvenjenti ghalih u x-x-xhieda tieghu hija adirittura kollha fabbrikazzjoni tieghu u din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta, tista’ tasal biss ghall-konkluzzjoni wahda u cjoe’ li l-allegazzjonijiet tal-attur u l-versjoni tieghu moghtija ma humiex kredibbli, b’dan li allura fl-ahjar ipotesi l-attur ma rnexxilhux jissodisfa l-oneru ta’ prova li kien jinkombi lilhu u fl-ghar ipotesi x-xhieda tieghu ma hija bl-ebda mod attendibbli u hija kontradetta fid-dettalji kollha mix-xhieda tal-konvenuta.

Illi dan ma jfissirx li l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma kollha qed jigu accettati u dan peress it-tieni eccezzjoni hija bla ebda fondament legali kwalunkwe ghaliex ma hemm xejn fil-**Kap 255** li jipprovdi minimament dak li qed tallega l-konvenuta bl-istess eccezzjoni; anzi jidher li kull kap ta’ nullita’ taz-zwieg jista’ dejjem jittressaq abbazi tal-**artikolu 19** minn kull parti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (2) tal-Kap 255.** Illi t-tielet eccezzjoni giet trattata f’dak li huwa ezami tal-provi prodotti fil-waqt li l-ewwel eccezzjoni li qed tikkontesta t-talba attrici hija korretta fis-sens li l-attur ma rnexxilhux jipprova l-alegazzjonijiet tieghu.

Illi fin-nota’ tal-osservazzjonijiet, izda mhux fl-eccezzjonijiet, l-konvenuta qajmet il-punt li l-ligi li tapplika ghall-kaz in ezami ma hijiex il-**Kap 255** kif emendat bl-Att XXXIV tal-1981, izda l-ligi applikabbli hija dik li kienet promulgata bl-Att XXXVII ta’ l-1975 fejn l-**artikolu 19** kif inhu llum ma kienx jezisti, izda kien jezisti biss **artikolu 19** ristrett ghal dak li tghid l-istess konvenuta fl-ahhar pagna tan-nota tal-osservazzjonijiet taghha. Giet citata mill-konvenuta d-decizjoni **“Anthony Licari vs Caroline Licari”** (P.A. (GCD) 30 ta’ April 1996) in sostenn tal-istess tezi fejn inghad li l-ligi applikabbli hija dik li kienet vigenti f’dak iz-zmien taz-zwieg u mhux il-ligi kif giet applikabbli wara l-istess zwieg bl-emendi indikati bl-Att tal-1981.

Illi pero’ jidher li d-difensur tal-konvenuta ma ghamilx r-ricerka tieghu sew peress li l-istess decizjoni giet appellata u l-Onorabbli Qorti tal-Appell ((N.A.) (J.A.F.) (A.J.M) fid-decizjoni taghha studjata u ben motivata qalet proprju l-kuntrarju ta’ dak sottomess mill-konvenuta odjerna tant li sostniet:-

*“L-obbligazzjonijiet konsenswali huma normalment regolat biss bil-ligi in vigore fi zmien meta jkun inghata l-kunsens. Effettivament ma jistax ikun mod iehor ghas-serjeta’ u t-trasparenza ta’ l-ordinament guridiku hlief li obbligazzjonijiet ghandhom ikunu regolati bi dritt sostantiv esistenti fl-mument ta’ l-assunzjoni ta’ l-obbligazzjonijiet abbazi ta’ liema dritt il-partijiet ikun dahhlu ghal-istess obbligazzjoni. Hija ghalhekk totalment korretta bhala*

*norma generali il-konkuzzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi r-retroattivita' ta' dritt sostantiv jilledi l-principju tad-drittijiet akkwiziti u "tohloq element ta' instabbilita' u incertezza"".*

*"Ghal din in-norma generali pero' hemm l-eccezzjonijiet u proprju wahda mill-eccezzjonijiet huwa fejn ordinament guridiku jirrigwarda materja ta' Ordni Pubblika. Issa m'hemmx dubju illi zwigijiet u l-validita' taghhom huma materji ta' Ordni Pubblika u li di fronte ghal dan l-interess pubbliku l-interess privat huwa wiehed sekondarju".*

*"Jinghad ukoll illi l-emendi in kwistjoni jinteressaw l-ordni pubbliku, li di fronte tieghu ghandu jcedi l-interess privat, u ghalhekk ghandu jigi ammess l-effett retroattiv taghhom, kif imfisser fis-sentenza appellata, fuq l-awtorita' tal-Pacifici Mzzoni u tal-Gabba, fuq imsemmija" **("Joseph Fenech et vs Rev. Sac. Prof. Serafino Zarb noe et"** – Qorti ta' l-Appell – 10 ta' Ottubru 1952). L-awtur Gabba, konsiderat forsi l-aktar awtur awtorevoli fil-materja ta' l-applikazzjoni o meno tal-ligijiet b'mod retroattriv hekk iddiskriva din il-materja u dan kif huwa kwotat fl-istess sentenza. "Tutte qaunte le leggi concernenti interessi pubblici o politici di qualunque genere si applicano immedietamente, ed I corrispondenti diritti e doveri degli individui si mutano o si modificano immedietamente in virtu' di quelle leggi" (Vol. 1, pag.211 u 212). Ta' l-istess opinjoni huwa l-Professur Ganado fin-noti tieghu l-Prolegomina fil-pagna 44 ta' l-istess noti………...".*

*"Dawn il-konsiderazzjonijiet u ohrajn wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha………………………………….fl-ismijiet **"Rita Spiteri xebba Camilleri vs George Spiteri"** tas-17 ta' Gunju 1999 biex tirrendi applikabbli l-emendi li saru fl-1981 fl-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** anke' ghal zwigijiet li kienu gew iccelbrati qabel dawn l-emendi. Din il-Qorti sejra wkoll taddotta dan il-principju ghar-raguni addizzjonali illi, almenu f'dawn ic-cirkostanzi, dan huwa wkoll necessarju proprju biex ikun hemm ic-certezza u stabilita' korrettement mixtieqa mill-Prim'Awla fis-sentenza fil-Prim'Istanza. "Ezami ta' l-istat legali applikabbli f'kull perjodu fuq imsemmi w anke' fil-present*

*iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi l-lakuna, il-vacuum li kien jezisti fil-perjodu bejn l-1975 u l-1981. Huwa f'dan il-perjodu illi l-kazijiet fejn iz-zwieg seta' jigi ddikjarat null kienu ferm aktar restrittivi sew mil-ligi kanonika precedenti, mil-ligi prezenti kanonika u mill-emendi li saru fl-1981. Il-Qorti thoss u tifhem illi kien dan in-nuqqas li wassal lil legistlatur biex fl-1981 jissostitwixxi ghal kollox l-* ***artikolu 19 tal-ligi originali ta'l-Att taz-Zwieg."***

*"Dawn il-konsiderazzjonijiet li huma konsiderazzjonijiet, jigi ripetut, ta' Ordni Pubbliku w in-necessita' li f'din il-materja jkun hemm kemm jista' jkun certezza u simmetrija fl-interess socjali tal-pajjiz iwassal lill-Qorti biex tiddeciedi illi l-emendi tal-1981 ghandhom japplikaw retroattivament anke' ghaz-zwigijiet celebrati bejn l-1975 u l-1981. Interpretazzjoni ohra tifsser konfuzjoni, incertezza w inkoherenza f'materja li ghandha invece tkun ordnata u regolata simili jekk mhux identici tul iz-zminijiet"* (*vide* **"Baldacchino vs Baldacchino"** – A.C. 20 ta' Mejju 1991 u **"Piscopo vs Piscopo"** – A.C. 12 ta' Jannar 1994).

Dan ifisser li din is-sottomissjoni tal-konvenuta hija bla ebda bazi llum.

Illi minkejja dan u *in vista'* ta' dak kollu li inghad fuq il-mertu tac-citazzjoni attrici abbazi tal-artikoli hemm citati mill-attur, it-talba attrici ghandha xorta tigi michuda *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tilqa' *in parte* l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, **tichad t-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

BI-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------